MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2012

Numru. 553/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Therese Sciberras]**

**vs**

**Jimmy Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 553/2011**

**Illum 31 ta’ Lulju 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Jimmy Vella ta’ 29 sena bin John Mary Vella u Georgina nee Formosa mwieled Pieta nhar it-2 ta’ Marzu 1982 u residenti Four Seasons Flats No 4 Triq il-Palazz ta’ Kaspru Mosta u detentur tal-karta ta’ identita numru 153482M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fil-5 ta' April 2011 fil-Melliieha f'xi hin bejn nofs in-nhar u s-sebgha ta' fil-ghaxija b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta'l-arti jew il-hila fil-professjoni tieghu, involontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Louis Vernon Dawtry skond ma ccertifika t-tabib Dr S Busuttil MD (Reg. No. 5221) tal-isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess jum lok u hin, saq vettura b'mod perikoluz, traskurat jew negligenti.
Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tiskalifika lill-imputat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal dak il-perjodu li jidhirlha xieraq.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Krimimali kif mahsub f'l-artikoli:
a) 17, 31, 226(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
b) 15(1)(a), 15(3), 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jittratta incident stradali li sehh fi Triq il-Marfa Mellieha nhar il-5 ta' April 2011 ghall-habta tal-5.00pm f'liema incident il-parte civile James Vernon Dawtry garrab xi griehi. Dak il-hin kemm l-imputat kif ukoll il-parte civile kienu qed isuqu mid-direzzjoni tac-Cirkewwa sejrin lejn il-Mellieha; l-incident sehh vicin tar-roundabout li hemm bejn wiehed u iehor f'nofs tat-triq li tiffjanka il-bajja ta' l-Ghadira. L-imputat kien qed isuq vettura ta' tip Subaru J10 b'numru ta' registrazzjoni IAI 269 fil-waqt li l-parte civile kien qed isuq mutur b'numru ta' registrazzjoni LCQ 991.

Illi l-persuni li tressqu bhala xhieda kienu s-surgent li ha r-rapport u li investiga dan il-kaz, it-tabib li nvista lill-parte civile fit-tqasima ta’l-emergenza ta’l-isptar, il-parte civile, rapprezentant ta’ Transport Malta, l-imputat u l-passigiera li kien hemm fil-vettura tieghu.

Illi l-parte civile jghid li fil-waqt  li kien qed isuq fi Triq il-Marfa fil-karreggjata tan-naha tal-lemin, cioe f’l-outer lane, hu ra vettura ohra, dik misjuqa mill-imputat fil-karreggjata tan-naha tax-xellug, cioe l-inside lane. Hu baqa jsuq fil-karreggjata tieghu meta, hekk kif kienu qed javvicinaw ir-roundabout fuq imsemmija, l-imputat kiser xi ftit ghal gol-karreggjata ta’ barra b’mod li dahal fit-triq tal-mutur u sehh l-impatt. Bhala rizultat ta’ l-impatt l-parte civile tar minn fuq il-mutur. Il-mutur u l-vettura waqfu hekk kif indikat f’l-iskizz u fir-ritratti esebieti. Il-parte civile jghid ukoll li huwa ma rax vetturi ohra fit-triq,  b’mod partikolari ma rax vetturi jduru mar-roundabout qabel sehh l-impatt. Il-parte civile ta l-istess verzjoni lil PS830 Chris Debono meta dan kellmu xi jumejn wara l-incident.

Illi l-imputat waqt id-depozizzjoni tieghu ma tantx tefa’ dawl fuq id-dinamika ta’l-incident. Hu jghid li kien ghaddej fil-karreggjata ta’ gewwa; waqqaf qabel ir-roundabout ghaliex kienet qed iddur karrozza li kellha priorita; hekk kif ghaddiet din il-karozza hu rega beda jsuq u hekk kif rega’ beda jsuq hass daqqa u sema’ hoss qawwi; jghid ukoll li bid-daqqa l-mutur dahhlu gol-bus stop. Mistoqsi in kontro-ezami l-imputat jghid lil huwa f’l-ebda hin ma ra jew induna li kien hemm il-mutur fit-triq u li kien biss mal-habta li nduna bil-mutur. Hu ta prattikament l-istess verzjoni meta kellem lil PS830 Chris Debono fuq il-post  bid-differenza li dak in-nhar qal li kien hu li gideb lejn il-bus stop u dan bhala reazzjoni ghall-hazda kawza ta’ l-impatt.

Illi l-passigiera fil-vettura ta’ l-imputat, Eva Formosa, li hija z-zija ta’l-imputat, kull ma ftakret dwar l-incident hu li l-imputat waqqaf mar-roundabout u malli rega’ beda jsuq semghat hoss kbir u sabu ruhhom gol-bankina.

Ikkunsidrat

Illi huwa car li hemm kunflitt fil-verzjonijiet mghotija mill-parte civile u l-imputat fis-sens li kull wiehed minnhom jghid li huwa baqa jsuq fil-karreggjata li kien qed isuq fiha; huwa ovvju li xi hadd minnhom mhux qed jghid il-verita almenu f'dan l-aspett ghaliex altrimenti l-incident ma kienx isehh.

Illi pero l-parte civile jghid ukoll li kien l-imputat li gibed ghal fuq in-naha tieghu u li hu rah jaghmel din il-manuvra. L-imputat da parti tieghu ghalkemm jghid li kien il-mutur li dahal fih ma jghidx kif dahal fih ghaliex hu f'l-ebda hin ma ra l-mutur jekk mhux wara l-impatt.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar d-depozizzjoni ta'l-imputat. Kif diga intqal, waqt id-depozizzjoni tieghu huwa qal li kien il-mutur li tefghu fil-bus stop u fuq il-bankina mentri meta kien qed ikellem lis-surgent qal li kien hu stess li gibed ghan-naha l-ohra u baqa' diehel gol-bankina u dan kawza tal-qata' li ha ma'l-impatt. Din l-ahhar vezjoni hija ferm aktar kredibbli; il-Qorti difficilment tifhem kif mutur jista' jcaqlaq karozza li skond ma qal l-imputat kienet ghada qed taqla minn pozizjoni wieqfa. In oltre l-imputat, kemm waqt id-depozizzjoni tieghu kif ukoll waqt is-sottomissjonijiet maghmula f'ismu, allega li l-impatt sehh ferm aktar lura mill-post li indika l-parte civile f'l-iskizz; l-imputat fil-fatt isostni li huwa kien ghadu kif qala minn fuq l-give way qabel ir-roundabout. Din il-verzjoni ukoll ma tantx hija verosimili ghaliex jekk verament l-impatt sehh ftit metri 'l boghod mill-give way ma tantx huwa probabbli li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet tilhaq timxi dik id-distanza kollha qabel ma tispicca fuq il-bankina fejn fil-fatt spiccat u kif jidher fir-ritratti u f'l-iskizz .

Illi fattur iehor importanti huwa l-post li fih il-vettura u l-mutur garrbu hsarat, kif ukoll il-post fil-vettura tieghu fejn skond l-imputat fil-vettura tieghu intlaqtghet mill-mutur. Il-mutur ghandu hsara primarjament man-naha tax-xellug u ta' wara tieghu li jindikaw li l-hsarat kienu kkawzati aktar bhala rizultt tat-tisbita ma'l-art milli mal-habta ma'l-vettura ta'l-imputat. Il-vettura ta'l-imputat ghandha hsara quddiem, fejn laqtghet il-bankina, u man-naha tax-xellug

fejn sehh l-impatt mal-mutur; dan skond l-istess imputat sehh bejn iz-zewg bibien ta' dik in-naha. Fil-fehma tal-Qorti din hija indikazzjoni cara li kien l-imputat li hekk kif kien qed jissupera r-roundabout hareg mill-karregjata tieghu b'mod li invada l-karreggjata li kien qed isuq fiha l-parte civile u sehh l-impatt.

Illi naturalment il-fatt li l-imputat lanqas biss induna li fit-triq dak il-hin kien hemm mutur ukoll hija indikazzjoni cara li hu ma kienx qed izomm proper look out. Li wiehed izomm proper look out jirrikjedi mhux biss li joqghod attent ghall-vetturi li jkunu qeghdin quddiemu imma ghal dak kollu li jkun qed jigri fit-triq, u ghalhekk anke ghat-traffiku li jkun gej minn wara.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija konvinta li kien l-imputat li kkawza dan l-incident u dan minhabba ta' nuqqas ta' proper look put qabel ma qasam il-karregjata.

Illi m'hemm l-ebda dubbju li f'dan l-incident l-parte civile Dawtry soffra griehi ta' natura gravi in kwantu soffra frattura f'saqajh pero ma ngabitx prova sufficjenti li kawza tal-frattura Dawtry soffra xi debulizza permanenti jew xi offieza ohra li taqa' taht definizzjoni ta'l-artikolu 218 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ai fini ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jinstab hati taht l-artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b' sewqan traskurat, negligenti u perikoluz. Id-differenza ben dawn it-tlett tipi ta' sewqan hija ben stabbilita fis-sistema guridika taghna.

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-nonosservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta'*

*sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel… … Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' … li giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye'... Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.*[1]

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija tal-fehma li n-nuqqas ta'l-imputat f'dan l-incident kien wiehed li jaqa' taht definizzjoni ta' sewqan traskurat. Konsegwentement it-tieni imputazzjoni tirrizulta biss in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat u ma tirrizultax in kwantu tirreferi ghal sewqa bla kont jew perikoluz.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu tirreferi ghall-offieza gravi li ma ggibx il-konsegwenzi imsemmija f'l-artikolu 218 ta'l-istess Kapitolu 9 u ssibu hati ukoll tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat u tikkundannah multa ta' elf Euro (€1,000). L-imputat mhux qed jinstab hati ta'l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal offieza gravi li ggib il-konsegwenzi

[1] Ref Pulizija vs Michael Grech deciza f'l-20 ta' Frar 2007 mill-Qorti ta'l-Appel Krminali u l-gurisprudenza hemm kwotata.

elenkati f'l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 u lanqas qed issibu hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewaqan bla kont u perikoluz u tilliberah minn dawn l-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------